## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 177/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur John Spiteri)**

**vs**

**Luca Burroni**

Seduta tas-26 t'April, 2018

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Luca Burroni, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 83780A quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, f'xi zminijiet bejn Novembru tas-sena 2015 u April tas-sena 2016:-

1) L-imgieba tieghu ammontat ghal segwiment ta' persuna bil-mohbi u kkaguna lil Vanessa Zahra (ID 276382M) biza' li f'ghal anqas zewg okkazzjonijiet kienet ser tintuza' vjolenza fuqha, kif ukoll ikkaguna fuq Vanessa Zahra allarm jew dwejjaq li kellu effett avers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum ta' Vanessa Zahra;

2) talli bl-imgieba tieghu kkaguna lil Vanessa Zahra (ID 276382M) il-biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222 (1) ta' Kap 9.

3) talli fl-istess cirkostanzi ta fastidju lil Vanessa Zahra (ID 276382M) meta kien jaf jew messu kien jaf li l-agir tieghu kien ta' fastidju ghal imsemmija persuna, liema persuna hija msemmija fl-Artikolu 222 (1) ta' Kap 9.

4) talli insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Vanessa Zahra (ID 276381M).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' April, 2016 li biha fuq ammissjoni tal-istess imputat, sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal sena (1) prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 kienet sospiza ghal perjodu ta' tlett (3) snin kif ukoll ghall-multa ta' elfejn Euro (€2,000) li ghandha tithallas fi zmien tlett (3) xhur. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikoli 382A u 412C ta' l-istess Kapitolu 9 sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Vanessa Zahra qeghdet lill-imputat taht ordni ta' trazzin ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mghoti kontestwalment;

Rat ir-rikors ta' Luca Burroni, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' April, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogghobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija u thassarha u tirrevokaha billi tapplika piena inqas harxa;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja dik il-parti tas-sentenza li fiha l-ewwel Qorti erogat il-piena bil-gravami illi ma kienx korrett li l-vittma tkun meqjusa bhala persuna kwalifikata fl-artikolu 222(1) tal-Kodici Kriminali u ghalhekk il-piena ma kellhiex tizdied bi grad. In subsidium, il-piena hija wahda eccessiva tenut il-kondotta nadifa tieghu u l-ammissjoni bikrija tieghu;

2. Illi ghalkemm dan l-appell huwa dwar il-piena kominata, l-appellant jibda biex jattakka l-ammissjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti bl-argument illi minkejja l-assistenza legali li kellu, huwa ma kienx fehem in-natura tal-imputazzjonijiet u l-konsegwenzjali piena ghall-kull wahda minnhom. Dan izda jaghmlu per via tal-fatti fl-istesura tal-appell u mhux bhala aggravju. Inoltre, it-talbiet tieghu huma ghal-varjazzjoni fil-piena ciononostante l-ammissjoni quddiem l-ewwel Qorti u ghalhekk il-konsiderazzjonijiet segwenti huma mirati biex jiddisponu mit-talba kif postulata;

3. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, tajjeb li jkun affermat illi ma huwiex normali li din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha

tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata. Principju dan assodat fil-gurisprudenza matul is-snin (ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubbblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubbblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza ricenti Ir-Repubbblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015);

4. Issa, l-appellant jikkontendi illi fl-ewwel tlett imputazzjonijiet ssir referenza ghall-allegata vittma bhala persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta meta dan ma kienx korrett. Il-konsegwenza ta' dan kien li l-piena erogabbli zdiedet bi grad. Huwa korrett l-appellant meta jghid illi l-artikolu 222(1) tal-Kodici Kriminali jawmenta l-piena bi grad meta l-offizi msemmija fl-artikolu 216, 217, 218 u 220, u 221(1) u (2) jsiru fuq persuni indikati f'dan l-artikolu. Huwa zbaljat izda, fil-kumplament tal-argument tieghu ghaliex l-ewwel Qorti mkien ma ghamlet referenza ghall-dan l-artikolu u wisq anqas awmentat il-piena b'dikjarazzjoni in rigward. Il-piena erogabbli ghar-reat ipotizzat fl-artikolu 251BA wahdu hi dik ta' prigunerija minn disa' xhur sa hames snin jew multa ta' mhux aktar minn tletin elf euro (€30,000) jew dik il-prigunerija u multa flimkien. F'kaz li kellha tassattivament tizdied bi grad skond il-proviso tas-subartikolu (5), allura l-piena erogabbli kellha tkun ta' prigunerija fil-minumu ta' tlettax-il xahar sa massimu ta' disa snin. Issa la darba l-ewwel Qorti kkominat piena komplessiva ta' sena prigunerija (sospiza ai termini tal-aritkolu 28A tal-Kodici Kriminali), iffisser li ma awmentatx il-piena bi grad kif qed jikkontendi l-appellant ghaliex altrimenti kienet tikkundannh ghal-minimu ta' tlettax-il xahar;

5. L-appellant m'ghandux ragun ukoll meta jargumenta illi l-ewwel Qorti kellha timponi piena anqas severa tenut kont tal-ammissjoni bikrija u tal-fedina penali nadifa tieghu. Jinghad fl-ewwel lok illi ghalkemm l-ammissjoni bikrija ma ggibx maghha xi dritt awtomatiku ta' riduzzjoni fil-piena (Repubblika ta' Malta vs Nicholas Azzopardi – Qorti Kriminali 24.2.1997; Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri App Krim 5.7.2002 u Pulizija vs Emmanuel Testa App Krim 17.7.2002 u Repubblika vs Edward Arthur Story – Qorti Krimiali 6.1.2016), l-ewwel Qorti hadet qies ta' dan qabel erogat il-piena meta qalet hekk: "Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta [recte: nadifa] tieghu". L-appellant ghalhekk huwa ukoll zbaljat fl-aggravju subordinat;

6. Ghal dawn il-motivi l-appell qed ikun michud u t-terimini ta' sospensjoni tas-sentenza karcerarja kif ukoll tal-garanziji imposti mill-ewwel Qorti jibdew jiddekorru mill-lum;

7. Il-Qorti tiehu l-okazzjoni sabiex terga tispjega lill-appellant l-obbligi tieghu bl-effett tas-sentenza ta' prigunerija sospiza u tal-garanziji imposti fuqu.